**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can ) Ph.D**

**Appell Numru: 4 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Luke Camilleri**

Illum, 27 t' April, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Luke Camilleri detenur tal-karta tal-identita' 24989 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-25/10/2021 ghall- habta ta' 01:07hrs fi Triq tal-Barrani, Zejtun waqt li kont qed taghmel uzu min vettura CBU 498:

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan. Kap 65 Artiklu 15 (1)(a), (3);

2. W'aktar f'dawn il Gzejjer inqast iggedded il-Licenzja tas-sewqan meta kellek il- perjodu tal-validita tal-imsemmija licenzja skaduta. Sec.44 LS.65.18, 2nd Scheduled Chap.65.;
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni. Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3);
4. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b'nuqqas ta kont. Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2);
5. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b'mod perikoluz. Kap 65 Artiklu 15 (1(a), 2);
6. Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, inqast li tezercita l-kura u attenzjoni xierqa u turi l-intenzjoni tieghek b' sinjal meta kont ser tbiddel id-direzzjoni tieghek jew taqbez vettura, ziemel jew frat. LS. 65.11 Artiklu 75;
7. Inqast li tobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-pulizija jew minn gwardjan lokali, waqt li kont ged issuq jew kellek fil-kontroll tieghek vettura bil-mutur. L.S. 65.11 Artiklu 124 (1);
8. Waqt li kienet qed titmexxa vettura, inzilt, tajt jew iddendilt mal-imsemmija vettura jew gibt ruhek b'mod iehor li stajt tikkawza periklu jew biza’ lilek innifsek jew lill-haddiehor. Art 117 LS 65.11.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta’ Dicembru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli relevanti tal-ligi ossia l-Kap 65 Art. 15 (1) (a), Legislazzjoni Sussidarja 65.18 Art. 44, Kap. 65 Art 55 (1) u t-Tieni Skeda, Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 Art. 75, 117 u 124 (1), il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu ihallas il-multa ta' €1,050. B'zieda mal-piena l-Qorti skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas- sewqan ghal perjodu t' erba' (4) xhur (Kap. 65 Art. 15 (3)).

Rat ir-rikors tal-appellanti Luke Camilleri minnu pprezentat fit-30 ta’ Dicembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tilqa’ dan l-appell tieghu billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati tal-imputazzjonijiet

kollha migjubin kontrih, u minflok TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u konsegwentement **TILLIBERAH** minnhom u minn kull imputazzjoni, htija u piena ghajr dawk relattivi ghat-tieni imputazzjoni **JEW** sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghal dak *ut supra* espost u l-aggravji dedotti, **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta, billi tigi imposta dik il-piena skont il-ligi, u dan taht kwalunkwe kundizzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**AGGRAVJU I: TRASKRIZZJONI MHUX AMMISSIBBLI BHALA PROVA**

1. Illi l-Appellant eccepixxa l-innammisibilita bhala prova tat-traskrizzjoni tal-mistoqsijiet u twegibiet ghalihom maghmulin u moghtijin bejn PS 1405 u l-Appellant prezentanti in atti tramite l-affidavit tal-imsemmija PS 1405, stante li minkejja li PS 1405 jghid u jahlef bil-gurament tieghu li s-sewwieq tal-karozza u l-karozza nnifisha li dehret tiehu *break* qawwi ma gharfuhomx, la s-sewwieq, la r-registrazzjoni tal-vettura, u lanqas l-ghamla jew mudell tal-vettura, filwaqt li waqt il-mistoqsijiet lill-Appellant, l-imsemmi PS 1405 jaghti impressjoni konvincenti lill-Appellant li kien qieghed iwiegeb il-mistoqsijiet madwar it-03:21 ta' filghodu li kienu tassew gharfu l-karozza u s-sewwieq, u dan meta mistoqsi:

Mistoqsija: "*Xi twiegeb meta nghidlek li din il-licenzja tas-sewqan ingabret minn fejn dehret il-vettura CBU498 tiehu break qawwi, u int kont ix-xufier?*"

Twegiba: "*Din prattikament li gara li l-ADT ma baghtux renewal tal-card u dak li gara, kont qieghed insuq u tfixkilt, ippanikjajt dak il-hin ma nafx.*"

2. Illi l-Appellant jilmenta dan l-agir min-naha tal-Pulizija Esekuttiva u ghaldaqhsekk qieghed umilment jitlob lil din il-Qorti tiddikkjara inammissibbli din l-imsemmija traskrizzjoni u konsegwenzjalment tordna l-isfilz taghha mill-process.

**AGGRAVJU II: SEJBIEN TA' HTIJA TA' IMPUTAZZJONI 1 U IMPUTAZZJONI 2 KUNTRADITTORJA**

3. Illi mill-atti rrizulta li l-Appellant ghandu licenzja tas-sewqan li izda ma geddidx kif titlob il-Ligi u ghalhekk ma tissussistix is-sejbien ta' htija taht l-ewwel imputazzjoni stante r-reat statitutorju specifiku taht reat u artikolu tal-ligi iehor li mhux dak kwotat bis-sahha tal-ewwel imputazzjoni tac-citazzjoni;

4. Illi ghalhekk jilmenta l-Appellant li l-Qorti ghaddiet biex tat decizjoni kuntradittorja meta sabitu hati taz-zewg imputazzjonijiet migjubin kontrih;

**AGGRAVJU III: IMPUTAZZJONIJIET 3 SA 7: NUQQAS TA' PROVI U DISTINZJONI**

5. Illi il-Qrati taghna, maghdudin din il-Qorti, jghallmu illi t-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, u wkoll is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet, huma lkoll reati distinti minn xulxin, kull wahda b'elementi kostituttivi li jikkomponu r-reat relattiv;

6. Illi jinghad ghalhekk illi tramite l-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-legislatur holoq distinzjoni bejn sewqan traskurat, bla kont u dak perikoluz tant illi introducihom bhala tliet reati separati bil-pieni relattivi ghalihom izda fil-kaz ta' sewqan bla kont, li hu desrkitt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15

bhala sewqan bi traskuragni kbira, u dak perikoluz, il-pieni stabbiliti huma l-istess sew ghar-rigward tal-ewwel kundanna kemm ghat-tieni. Ghalhekk isegwi illi gurisprudenza li titratta dwar sewqan bla kont u dak perikoluz tista' xorta wahda titqies relevanti ghal xulxin;

7. Illi mbaghad, il-Qrati taghna interpretaw il-ligi u llum konsistentement jinsenjaw illi sewqan perikoluz jikkomprendi mieghu wkoll sewqan traskurat u sewqan bla kont minkejja li l-legislatur, meta stipula l-pieni relattivi, ma ghamilx distinzjoni bejn dik ghal sewaq bla kont u dik ghal sewqan perikoluz, kif gej:

Fil-kawza citata mill-ewwel Qorti, u cioe 'l-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta 'Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

> ***Sewqan traskurat*** *(negligent driving) hu kwalsiasi forma ta sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalità ta sewqan ta dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.* ***Sewqan bla kont*** *hu deskritt fis-subartikolu (2) ta 1-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan bi traskuragni kbira . Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m ghandux jiehu minhabba l-probabilita ta hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta perikolu ghal terzi jew ghall-proprjetà taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalità ta l-incident u l-presenza o meno ta traffiku iehor jew ta nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f kaz partikolari jista jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta sewqan, f liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta konkors ta reati. Ghall-finijiet ta piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta sewqan traskurat hu kompriz u involut f dak ta sewqan bla kont u f dak ta sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta 'Frar 2004:

*...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta degree (App. **Krim. Pul. vs Charles Bartolo,** 14.3.59, **Pol. vs Wilson [Vol.** XXXIX iv. 1018] u **Pul. vs Alfred Vella** [Vol. XLIV, **p.** 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjetà taghhom (App. **Krim. Pul. vs Hardingham,** 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta sewqan perikoluz, hemm bzonn ta certu grad ta recklessness .*

*(App. Krim. **Pul. vs Charles Farrugia** [Vol. XXXIX iv.9 78]). Recklessness giet definita bhala wilfully shutting one s eye (App. Krim. **Pul. vs Joseph Aquilina,** 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta prudenza ordinarja li wiehed ghandu*

*jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892]).*"('Il-Pulizija -vs- Debattista', din il-Qorti (Inferjuri) per l-Imh. D. Scicluna, 26 Mejju 2004)

8. Illi minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-Aggravji 'l fuq u li gejjin f'dan l-Appell, l-Appellant jilmenta li mill-provi prodotti, il-Prosekuzzjoni naqset milli tidentifika l-'*break qawwi*' li rat il-Pulizija Eskuttiva kienx wiehed li jikkwalifika bhala sewqan traskurat, bla kont jew perikoluz, jew jekk kienx hemm sewwieqa ohrajn fit-triq, nies mexjin jew xort'ohra minn hemm ghaddejjin, li l-vettura bis-sewwieq li allegatament il-Pulizija raw jiehu '*break qawwi*' kas taghhom ma tax, u daqstant l-imsemmija Qorti meta waslet biex tat id-decizjoni taghha hawn appellata;

9. Illi minghajr pregudizzju ghall-bqija tal-aggravji 'l fuq u li gejjin f'dan l-Appell, l-appellant jilmenta wkoll li mill-provi prodotti, il-Prosekuzzjoni naqset milli tidentifika mqarr il-ghaliex akkuzat lill-Appellant bis-sitt u bis-seba' imputazzjonijiet, u daqstant l-imsemmija Qorti meta waslet biex tat id-decizjoni taghha hawn appellata;

10. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant jinsab perpless bis-sejbien ta' htija, u izjed tas-sejbien ta' htija tal-imputazzjonijiet ***kollha*** migjubin kontih;

**AGGRAVJU IV: PIENA EROGATA HIJA ECCESSIVA**

11. Illi minkejja li l-piena ghal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat misjub hati ta' sweqan bla kont ossia traskuragni kbira jew dak perikoluz hija tassativa u cioè l-Qorti hija statutorjament marbuta li tordnaha lill-hati, il-perjodu tas-sospensjoni huwa diskrezzjonali biss fis-sens 'l fuq minn tliet (3) xhur rigward l-ewwel kundanna, u 'l fuq minn sena rigward it-tieni kundanna;

12. Illi ghalhekk, mal-qari tar-reat u l-pieni inflitti fil-parametri testwali, wiehed huwa gwidat li fil-kaz tal-ewwel kundanna, tali sospensjoni ma ghandhiex fil-*principju* tizboq is-sena; Illi meqjus specjalment l-Aggravju III *ut supra*, l-appellant huwa tal-fehma illi l-multa ta' €1,200.00 flimkien mas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu hija manifestament eccessiva u taghti lok ghall-modifika tas-sentenza;

13. Illi b'daqshekk, l-Appellant huwa wkoll tal-umli fehma illi ma ntlahaqx il-bilanc rikjest mid-dritt penali u l-insenjamenti tal-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali;

14. Illi migjub quddiemha appell minn sentenza moghtija fil-prim'istanza li sabet lill-imputat hati ta' sweqan perikoluz tant li wassal ghat-telfien ta' hajja umana, din l-Onorabbli Qorti ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghaz-zmien sitt (6) xhur ("**Il-Pulizija -vs- Griffin**, Qorti tal-Appell Kriminali per Imh. C. Scerri Herrera, 28 Lulju 2020);

15. Illi f'sentenza moghtija fil-prim'istanza, il-Qorti tal-Magistrati riteniet li gej:

> *"Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Bla dubbju r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma reati gravissimi u li kellhom l-aghar konsegwenzi immaginabbli: it-telf ta hajja umana…Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali kwazi netta tal-imputat. F dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tal-fehma li m ghandhiex timponi piena karcerarja imma ghandha timponi multa u tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat f ammont u perjodu li jirriflettu l-gravità tar-reati."*

("**<u>Il-Pulizija -vs- Camenzuli</u>**", Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Mag. Doreen Clarke, 11 Lulju 2018)

16. Illi migjub quddiemha appell minn din l-imsemmija sentenza li sabet lill-imputat hati ta 'sweqan bla kont jew traskuragni kbira meta dan kien volontarjament qieghed isuq bi speed eccessiv tant li mal-impatt tal-vettura ma' persunsa li kienet ghaddejja mit-Triq, minkejja li xurbana, din il-persuna tilfet hajjitha, din l-Onorabbli Qorti kkonfermat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ordnata mill-Qorti tal-Magistrati ghaz-zmien sena (1) ("**<u>Il-Pulizija -vs- Camenzuli</u>**", Qorti tal-Appell Kriminali per Imh. G. M. Grixti, 28 Frar 2022);

17. Illi migjub quddiemha appell minn sentenza moghtija fil-prim'istanza li sabet lill-imputat hati ta' sweqan perikoluz meta dan volontarjament ghamel manuvra li jaqbez central strip u, mgharraf li b'konsegwenza ta' tali manuvra tieghu laqat vettura ta' terzi, rega' volontarjament saq sahansitra fuq sid il-vettura, din l-Onorabbli Qorti kkonfermat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ordnata mill-Qorti tal-Magistrati ghaz-zmien sitt (6) xhur ("<u>Il-Pulizija -vs-Griffin</u>, Qorti tal-Appell Kriminali per Imh. C. Scerri Herrera, 28 Lulju 2020);

18. Illi migjub quddiemha appell minn sentenza moghtija fil-prim'istanza li sabet lill-imputat hati ta' sweqan bla kont bi skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien erba' (4) xhur, filwaqt li din l-Onorabbli Qorti mmodifikat dik is-sentenza u sabet lil dak l-imputat hati ta' reat iehor, ezaminat id-disturb permissibbli ta' piena inflitta minn qorti ewwelija biss meta din ma tkunx fil-parametri tal-ligi jew tkun sproporzjonata u manifestement eccessiva fic-cirkostanzi, kif gej:

*"Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet* ***<u>'Il-Pulizija (Spt. A. Miruzzi) vs Anthony Zarb</u>'****: 'Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar*

*il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta  l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x  jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.  Ir-Repubblika ta  Malta vs. David Vella",  Ir-Repubblika ta  Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" u ohrajn.*

*Fl-appell kriminali deciz fis-26 ta  Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, rega gie ribadit li  mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir-Repubblika ta  Malta vs. Carmen Butler" [26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b  mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll* ***"Ir-Repubblika ta_Malta vs. Bernard sive Benny Attard***" *[20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'****: il-Qorti kkunsidrat li 'Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament eccessiva."*

("**Il-Pulizija -vs- Mellish**", Qorti tal-Appell Kriminali per Imh. C. Scerri Herrera, 18 ta' Jannar 2022)

19. Illi ghalhekk, meqjusin ic-cirkustanzi kollha tal-kaz u l-insenjamenti ta' dina l-Onorabbli Qorti, specjalment meta paragunati, manifestement jirrizulta illi l-multa flimkien mal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghall-imsemmi zmien ta' 4 xhur kif ordnata mill-Qorti tal-Magistrata hija eccessiva;

**AGGRAVJU V: DECIZJONI MHUX MOTIVATA U DISTURB TA' DECIZJONI MOGHTIJA MILL-PRIM'ISTANZA**

20. Illi fid-dawl tal-Aggravi hawn fuq edotti, l-Appellant jilmenta li s-sejbien tal-htija tieghu u l-konsegwenzjali piena erogata ma humiex motivati kif mitlub mil-Ligi, senjatament l-Artikolu 218 tal-Kap. XII tal-Lijgijiet ta' Malta;

21. Illi dwar id-disturb ta' sentenza moghtija fil-prim'istanza, din il-Qorti fis-sede superjuri taghha rriteniet:

*"Dawn il-funzjonijiet gew spjegati f diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza* ***Ir-Repubblika ta_Malta vs Emanuel ZAMMIT*** *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fejn intqal:-*

*"kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx*

*ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni."* (**'<u>Il-Pulizija -vs- Zrakava'</u>**, din il-Qorti (Superjuri) per l-Imh. A. M. Bugeja, 10 Dicembru 2019)

Semghet il-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-28 ta Marzu 2023.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti sejra l-ewwel net tittratta il-hames aggravju u dan ghaliex diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet fejn intqal illi din mhux l-ewwel darba li minn awli tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privi mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali: **<u>Il-Pulizija vs. Joslann Brignone</u>** [8.2.2007]:-

*"…..din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel losservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati talMagistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax ilmotivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-*

*kontenut ad validitatem ta' sentenziu f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti talMagistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti talkumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.*

Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew motivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-

*"Ikkonsidrat"*

*"….issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi. "Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn ak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tal-sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."* (ara ukoll App. Krim. "**Il-Pulizija vs. James Grima**" [8.3.2007])

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati w l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun trid tghaddi biex tevalwa mill-gdid il-provi minghajr il-beneficcju li tkun taf il-*punto di partenza* li jkun iggwida lill-Ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha. Ghalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant.

Illi l-istess aggravju jirrigwarda ukoll l-apprezzament tal-fatti li setghet ghamlet (mentalment – ghax fis-sentenza ma hemm xejn) l-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata millEwwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[1] ; **Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2] ; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3] ; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] u tant sentenzi ohrajn.)

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta Mejju 1994

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **R. v. Cooper**[5] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed*[6]*."*

F'dan il-kaz, fl-assenza assoluta ta' motivazzjoni, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit mill-gdid tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Rat l-affidavit ta' **PS 1405 D Gerada** li kkonferma l-affidavit tieghu rilaxxjat nhar il-31 ta' Ottubru, 2021, fejn spjega li nhar il-25 ta' Jannar, 2021, bejn 00.12. a.m u 01.35 a.m il-pulizija mill-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun permezz ta' Mandat ta' kontroll fit-toroq mahrug mill-Ispettur J. Grixti tal-hames Distrett wettaq *road check* gewwa Triq tal-Barrani, Zejtun ezattament fejn it-*traffic lights* tal-LIDL.

---

[5] 1969] 1 QB 276

[6] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

Ghall-habta tas-01.07a.m tal-25 t' Ottubru, 2021, il-pulizija semghet hoss qawwi ta' *break* ta' vettura gejn minn ftit distanza l-boghod fejn meta harset setgha jigi notat li madwar hamsin metru 'l boghod bbrekjat b'qawwa vettura li giet innotata li hi ta' lewn car, bid-dawl ta' quddiem ta' lewn bajdani fejn il-pulizija tat ordnijiet cari bil-fomm u bl-idejn sabiex dan ikompli javvicina izda dan irriversja b'qawwa kbira kontra t-traffiku, bil-vettura terga tibda tiddistinta mill-pulizija. Huwa flimkien ma PC 1094 grew bir-rigel lejn din il-vettura izda din sparixxiet fi ftit hin. Il-pulizija ma kienitx f'abbilta li taghraf in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura. Huwa flimkien ma' PC 1094 bil-pass ghamlu spezzjonijiet go sqaqien u postijiet possibilment fejn setghet dahlet din il-vettura fejn f'dahla minnhom fl-istess karreggjata giet innotata vettura tal-ghamla BMW ta' lewn car (gtiz car) bin-numru ta' registrazzjoni CBU 498 li din kellha hoss ta' tfaqqiegh mill-magna kif ukoll shana hierga mix-xibka ta' quddiem taghha. Il-Pulizija f'dan il-hin ghamlet spezzjoni fl-akwata fejn gew iccekkjati l-ghelieqi ta' biswit izda ma deher hadd. Fid-dawl tal-fatt t' ebda evidenza konkreta li din setghet kienet il-vettura involuta il-pulizija kompliet b'xogholha.

Waqt li l-pulizija kienet qieghda niezla Triq Tal Barrani bil-pass, ezattament mal-hajt fil-karreggjata u post fejn il-vettura dehret tieghu l-*break* dehret ma l-art licenzja tas-sewqan, liema licenzja tas-sewqan kienet tappartjeni lil Luke Camilleri u kienet fi stat intatt, cioe mhux mirfusa minn vetturi li ta' kuljum u l-hin kollu jghaddu mill-istess triq u din kienet tiskadi fl-20 ta' Jannar, 2020. Il-pulizija tat-tmiem ghal dan ir-*road check* fejn kompliet it-tfittxija taghha ghal din il-vettura f'diversi postijiet fejn fosthom gewwa l-*parking* tas-suq taz-Zejtun dehret BMW ta' lewn car (griz) bin-numru ta' registrazzjoni CBU 498 tigi ipparkjata u minnha johrog mill-bieba tax-xuffier persuna maskili li f'idu tax-xellugija deher li kellu *tatoo* kemxejn imdaqsa. F'dan il-mument il-pulizija zammet nota tan-numru ta' registrazzjoni ghar-referenza futura fl-investigazzjoni taghha.

Il-pulizija ghamlet aktar stharrig fuq is-sistema tal- NPS fejn irrizulta li Luke ghandu rregistrata fuqu vettura tal-ghamla BMW ta' lewn griz bin-numru ta' registrazzjoni CBU 498, kif ukoll li ghandu mini registrata f'ismu ( kolloborattiva ghal car seat li deher ukoll fil-vettura CBU 498 li instabet fi sqaq imsemmi aktar qabel.) Il-Pulizija regghet marret fis-suq imsemmi fejn hemmhekk thalla fixed point u sar ukoll kuntatt fuq il-moqbajl tas-sid. Luke Camilleri fejn dan wara is-saba tentattiv wiegeb il-moqbajl u gie mitlub jirraportal-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun. Sadanitant il-pulizija regghet marret gewwa l-isqaq fi Triq tal-Barrani fejnil-BMW CBU 498 ma kienitx hemm kif ghal habta tat-03.21 am Luke mar gewwa l-ghassa taz-Zejtun. Hemmhekk gie nfumat b'kul dettat u inghata s-solita twissija u drittijiet fosthom li jikkonsulta jew jkollu prezenti Avukat tal-fiducja tieghu u dan ghazel li jezercita id-dritt u talab ghall-assistenza ta' Dr Alexander Boicuc. L-akkuzat gie mistoqsi numru ta' domandi u ma wegibhx ghalihom kif kellu kul dritt pero f'mument minnhom qal li verament kien bil-karozza isuq u tfixkel, ippanikja u dak il-hin ma jafx x'gara. Qal ukoll li l-ADT ma baghtulux ir-*renewal card* tal-licenzja.

Illi nhar l-14 ta' Dicembru 2022 ix-xhud gie riprodott in kontro esami kkonferma li kien ftakar l-incident li sehh. Qal li kien ra l-vettura tiehu break qawwi pero lil persuna ma kienx raha. Mistoqsi jek identifikax il-vettura u cio x'ghamla kellha jghid li dak il-hin le ghaliex kien id-dlam u kienu 'l boghod u ghalhekk lanqas il-pjanci taghha ma ra. Jikkonferma pero li meta Luke Camilleri mar l-ghassa huwa kien hemm prezenti u fil-fatt jghid li kien hu li tah id-drittijiet legali tieghu u hemmhekk hadlu l-verzjoni tal-fatti.

**Karen Cremona** xehdet nhar it-22 ta' Frar, 2022, in rappresentanza tat-Transport Malta u msitqosija dwar id-*driving license* tal-appellant tghid li dan ghandu *driving license* li skadiet fit-2 ta' Jannar, 2020, u giet imgedda fis-26 ta' Ottubru, 2021.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol. 11 et seq redatta minn PS 1405 Dylan Gerada.

Ikkunsidrat.

Illi mill-fatti kif esposti jirrizulta li l-pulizija u aoountu PS 1405 Gerada stqarr li nhar l-25 t Ottubru 2021 vejn 00.12 u 01.35 a.m wettaq road block gewwa Triq tal Barrani Zejtun fejn it-traffic lights tal LIDL. Meta ghall-habta tas.01.07 semgha hoo qawwi ta break ta vettua gejja minn ftit distanza 'l boghod. Innutat li is-sewwieq ien ibbrekja b'qawwa. Din il-karozza kient ta lew car bid-dawl ta quddiem ta lewn najdani. Il0pulizija tat is-sewwieq ordni bic-car bl-idejn sabiex javvicinha izda dan irriversja b'qawwa kontra it-traffiku. Is-surgnet jghid li dak il-hin ma gharafx il-lewn tal-karozza u lanqas in-numru tal-pjanci pero f'dan l-istess post fejn ibbrejkjat il-vettura instabet il-licenzja tas-sewqan tal-akkuzat appellant u li kienet ghadha intatta cioe mhux mittifsa minn vetturi li ta kuljum u ta' kull hin jghaddu minn hemm. Il-pulizija baqghet taghmel tfittxija ghal din il-vettura u f'parking tas-suq taz Zejtun dehret BMW ta' lewn car griz bin-numru ta registrazzjoni CBU 498 tigi ipparkjata u minnha hareg persuna maskili. Il-pulizija ghamlet aktar investigazzjoni u rrizulta li l-akkuzat kellu registrat fuqu il-vettura tal-ghamla BMW griz car bin-numru ta' registrazzjoni CBU 498. Il-pulizija baghtet ghalih u wara li taghtu d-drittijiet tieghu u staqsietu b'referenza ghas-sejba tal-licenzja tas-sewqan tieghu fil-post fejn il-vettura ibbrejkjat jghid li dak il-hin waqt li kien qed isuq tfixkel, ippanikja u ma jaf xejn iktar. Qal ukoll li' din hija xi haga genwina li gara. Daqshekk mhu ser nghid xejn iktar. Ghalhekk fl-ebda mod ma cahad li kien hu li brejkja f'daqqa u li ma kien xhud li qed isuq il-vettura fi Triq il-Barrani, Zejtun anzi l-oppost ghaliex fi kliemu pprova jnaqqas is-serjeta' ta' dak li kien attwalment gara.

Fl-ewwel aggravju l-appellant jistqarr li l-affidavit rilaxxjat minn PS 1405 hija inammissbli u dan ghaliex l-istess surgent imkien ma jghid li ra l-ghamla tal-vettura, is-sewwieq u n-numru ta' registrazzjoni tieghu. Illi huwa minnu li fl-affidavit PS 1405

ma jghidx li gharaf lis-sewwieq izda fl-istess affidavit is-sewwieq appellant ma jichadx li kien hu li kien qed isuq fi Triq l-Barrani tant li jghid li dak il-hin tfixkel u ppanikja. In oltre jezistu cirkostanzi indizzjarji li l-appellant kien fi Triq il-Barrani, Zejtun dak il-hin tal-incident ghaliex il-licenzja tas-sewqan tieghu instabet fuq il-post mhux minsusa minkejja li minn hemmek jghaddu hafna karozzi f'kull hin. Illi ghalhekk ic-cirkostanzi indizzjajri jorbtu lill-appellant mal-akkadut u ghalhekk ukoll l-ewweel aggravju qed jigi respint.

Fit-tieni lok l-appellant jistqarr li ma jistax ikun li l-Qorti ssibu hati kemm tal-ewwel akkuza u tat-tieni akkuza u dan ghaliex huma kontraittorji. Illi dan mhux minnu xejn u huma zewg akkuzi distinti. L-ewwel wahda u cioe' li saq minghajr licenzja tas-sewqan huwa reat kif propost fl-artiklu 15 (1) (a) u (3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta waqt li it-tieni akkuza hija kontravenzjoni u tohrog minn l-artikolu 44 tal-KL 65.18 it-tieni skeda fejn irid jipprova li fl-ewwel lok is-sewwieq kellu licenzja izda din ma kienitx imgedda. Ghalhekk tali aggravvju ukoll qed jigi respint.

Fit-tielet aggravju l-appellant jghid li hemm nuqqas ta' provi sabiex jinstab hati tat-tielet, tar-raba, tal-hames, tas-sitt u tas-sebgha akkuza. Dwar sewqan traskurat, bla kont u perikoluz l-Qorti tispjega li dawn it-tlett akkuzi huma inkorporati f'sewqan perikoluz u dan ghaliex is-sewqan traskurat u bla kont huwa ta' portata inqas minn sewqan perikoluz. M'hemmx dubbju li dak li ghamel l-appellant u cioe U- turn fi triq tal-Barrani, Zejtun , u cioe' fi Triq principali fis-sieghat bikrin ta' filghodu kienet manuvra ta' periklu u setghet ikkawzat sinistru awtomobilistiku. Ghalhekk din il-Qorti taqbel li l-appellant ghandu jinstab hati tar-reat ta' sewqan traskurat u bla kont kif inkorporati f'sewqan perikoluz. Dwar is-sitt akkuza u cioe' li l-appellant naqas li jezercita l-kura u attenzjoni xierqa li juri l-intenzjoni tieghu b'sinjal meta kien ser ibiddel id-direzzjoni tieghu din il-Qorti hija tal-fehma li din l-kontravenzjoni ma tirrizultax u dan ghaliex l-uniku xhud li xehed u cioe' PS 1405 ma ghamel l-ebda referenza ghal dan l-allegat nuqqas. Dwar is-sebgha akkuza u cioe' li l-appellant naqas

li jobdi ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmula mill-pulizija waqt li kien qed isuq il-vettura kif dispost fl-artikolu 124(1) tal-LS 65.11 jinghad li PS 1405 Gerada in kontro ezami jghid li kien il-boghod u kien id-dlam u l' boghod minn fejn kien is-sewwieq. L-prosekuzzjoni ma staqsiet l-ebda domanda f'dan ir-rigward lill-appellant fl-istqarrija tieghu u ghalhekk din il-Qorit ghandha id-dubbji taghha kemm verament is-sewwieq setgha ra lill-pulizija jaghmillu s-sinjal u ghalhekk in vista ta' tali dubbju ma hiex ser issib lill-appellant hati ta' din is-sebgha akkuza.

Fir-seba' lok l-appellant jistqarr li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva. Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilit li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J*

*said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2 This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb,** deċiża nhar il-15ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-

każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax lil-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "*sentencing is an art rather than a science*" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-

vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li din il-Qorti ma hiex issib lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif misjuba mill-ewwel Qorti u ghalhekk ser ikun temperament fil-piena. Jinghad li din il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza kif inkorporati fil-hames akkuza u tat-tmien akkuza u tikkundannah multa ta' elf euro (€1000) u mhux hati tas-sitt u sebgha akkuza u tililberah minnhom.

Filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn skwalifikatu mis-sewqan ghall-perjodu t' erba' xhur u minflok tiskwalifikah mis-sewqan tieghu ghall-perijodu ta' tlett xhur li jibdew jiddekorru mill-llum f'nofs il-lejl.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**